MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Numru. 636/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Redeemer Desira ta' 25 sena, bin Emauel Desira u Mary Doris xebba Azzopardi, mwieled Pieta, bhar il-5 ta' Frar 1985, residenti 21, Triq San Frangisk, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-Identitanumru 113685M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Redeemer Desira li gie akkuzat talli:

(a) Fit-22 ta' Gunju2010, ghall-habta ta' 23:55hrs, gewwa klabb tal-hamiem li jinsab fi Triq San Frangisk Qormi bl-isem ta' QPRC, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hahha ta' Priscilla Desira f'periklu car,

ikkagunalha offiza ta’ natura gravi hekk kif iccertifikat Dr. M. Mifsud mill-Isptar Mater Dei,

(b) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi uza vjolenzxa sabiex igieghel lil Priscilla Desira taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga,

(c) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b’mod li kkaguna lil haddiehor jibza’ u cioe lil Priscilla Desira li se tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkagun lil Priscilla Desira tibzaq kull darba minn dawk l-okkazjonijiet

(d) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Priscilla Desira ingurji u theddid.

(e) U aktar talli fl-istess data , lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku

(f) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta’ Priscilla Desira sabiex jingurjaha, idejjaq jew jaghmel hsara lil dik il-persuna.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat artikoli mibghuta lilha mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-28 ta’ Dicembru, 2011;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess:

Semthet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, l-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-gerha sofferta mill-parte leza ma kellhiex konsegwenzi serji u hija minima u fuq kollox il-fatt illi l-parte leza hafret lill-imputat ghall-akkadut u llum dahlet modus vivendi amikevoli bejniethom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 214, 218(b), 251, 251B, 338(dd) u339(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------